Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0222(COD)

18.1.2017

***|
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni).
(COM(2016)0465 – C8-0323/2016 – 2016/0222(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sophia in 't Veld

(Riformulazzjoni – Artikolu 104 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 37

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni).
(COM(2016)0465 – C8-0323/2016 – 2016/0222(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0465),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2) u 78(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0323/2016),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mis-Senat Taljan, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjun ta' ... 2017,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra ta' […] tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 104(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 104 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0000/2017),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Meta applikant ikun preżenti fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikun meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin], l-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 17.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Ir-regoli armonizzati tal-UE dwar id-dokumenti li għandhom jinħarġu lill-applikanti jagħmluha iktar diffiċli li l-applikanti jiċċaqalqu fl-Unjoni b'mod mhux awtorizzat. ***Jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-Istati Membri għandhom jipprovdu dokument tal-ivvjaġġar lill-applikanti biss meta kun hemm raġunijiet umanitarji serji jew raġunijiet imperattivi oħrajn.*** Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ***għandha*** tkun limitata ***wkoll*** għall-finijiet u	(12) Ir-regoli armonizzati tal-UE dwar id-dokumenti li għandhom jinħarġu lill-applikanti jagħmluha iktar diffiċli li l-applikanti jiċċaqalqu fl-Unjoni b'mod mhux awtorizzat. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar ***jenħtieġ li*** tkun limitata għall-finijiet u għat-tul ***meħtieġa*** għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu. ***Raġuni ta' dan it-tip tista' tkun***, pereżempju, ***li*** applikant ***ikollu bżonn*** jivvjaġġa lejn Stat ieħor għal trattament mediku jew biex iżur

għat-tul ***meħtieġ*** għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu. ***Raġunijiet umanitarji serji jistgħu jitqiesu***, pereżempju, ***meta*** applikant ***inkun jeħtieġ*** jivvjaġġa lejn Stat ieħor għal trattament mediku jew biex iżur qraba f'każijiet partikolari, bħal żjarat lil qraba stretti li jkunu morda serjament, jew biex ***jattendu*** żwiġijiet jew funerali ta' qraba stretti. Raġunijiet ***imperattivi*** oħrajn jistgħu jinkludu każijiet fejn l-applikanti li jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ***ikunu meħtieġa*** jivvjaġġaw ***b'mod essenzjali*** minħabba raġunijiet ta' xogħol, jew fejn l-applikanti ***jkunu jeħtieġu*** jivvjaġġaw bħala parti mill-kurrikula tal-istudju jew meta l-minorenni jkunu qed jivvjaġġaw ma' familji ***tar-rispett***.

qraba f'każijiet partikolari, bħal żjarat lil qraba stretti li jkunu morda serjament, jew biex ***jattendi*** żwiġijiet jew funerali ta' qraba stretti. Raġunijiet oħrajn ***ta' dan it-tip*** jistgħu jinkludu każijiet fejn l-applikanti li jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ***jiġu obbligati*** jivvjaġġaw minħabba raġunijiet ***essenzjali*** ta' xogħol, jew fejn l-applikanti ***jiġu obbligati*** jivvjaġġaw bħala parti mill-kurrikula tal-istudju jew meta l-minorenni jkunu qed jivvjaġġaw ma' familji ***li jkunu qed jiffosterjawhom***.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-applikanti ma għandhomx id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru ta' applikazzjoni. Applikant irid japplika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, f'każ ta' preżenza legali, fl-Istat Membru ta' ***residenza legali. Applikant li ma jkunx ikkonforma ma' dan l-obbligu aktarx li, wara li jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin], ma jitħalliex jibqa' fl-Istat Membru fejn issir l-applikazzjoni u konsegwentement aktarx li jaħrab. Għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.***	(13) L-applikanti ma għandhomx id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru ta' applikazzjoni. Applikant irid japplika għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, f'każ ta' preżenza legali, fl-Istat Membru ta' ***permanenza jew residenza legali***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) L-applikanti huma ***meħtieġa jkunu preżenti fl-Istat*** Membru fejn jagħmlu l-applikazzjoni jew fl-Istat Membru fejn jiġu trasferiti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin]. ***F'każ li*** applikant jaħrab ***mill-Istat Membru*** u***, mingħajr awtorizzazzjoni,*** jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor, huwa vitali, sabiex tiġi żgurata Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, li l-applikant jiġi rritornat malajr lejn l-Istat Membru fejn ikun ***meħtieġ*** li jkun preżenti. Sakemm iseħħ dan it-trasferiment, hemm riskju li l-applikant jaħrab u, għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.	(14) L-applikanti huma ***marbutin jibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat*** Membru fejn jagħmlu l-applikazzjoni jew fl-Istat Membru fejn jiġu trasferiti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin]. ***Meta*** applikant jaħrab u jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor ***mingħajr awtorizzazzjoni***, huwa vitali, sabiex tiġi żgurata Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ***li taħdem tajjeb***, li l-applikant jiġi rritornat malajr lejn l-Istat Membru fejn ikun ***marbut*** li jkun preżenti. Sakemm iseħħ dan it-trasferiment, hemm riskju li l-applikant jaħrab u, għaldaqstant, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-fatt li applikant ikun ħarab preċedentement lejn Stat Membru ieħor huwa fatt importanti meta jiġi vvalutat ir-riskju li l-applikant jista' jaħrab. Sabiex jiġi żgurat li l-applikant ma jerġax jaħrab u jibqa' għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, ladarba l-applikant jintbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti, għandu jsir monitoraġġ mill-qrib ta' fejn ikun qiegħed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew ordni pubbliku, ***minħabba proċessar*** malajr u ***monitoraġġ*** effettiv tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, ***minħabba l-ipproċessar malajr u l-monitoraġġ effettiv tal-proċedura tiegħu biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] jew sabiex jipprevjenu b'mod effettiv*** li ***l-applikant jaħrab,*** l-Istati Membri ***għandhom***, meta meħtieġ, jassenjaw ir-residenza tal-applikant f'post speċifiku, bħal ċentru tal-akkomodazzjoni, dar privata, appartament, lukanda jew bini ieħor adattat biex jilqa' lill-applikanti. Din id-deċiżjoni tista' tkun meħtieġa biex tipprevjeni b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi biex***: japplika fl-Istat Membru tal-ewwel dħul irregolari jew legali;*** jibqa' fl-Istat Membru fejn ikun ***meħtieġ*** ikun preżenti***;*** jew f'każijiet fejn l-applikant ikun intbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun ***meħtieġ*** ikun preżenti wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor. ***F'każ li*** l-applikant ikun intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhom jingħataw ukoll bil-patt li l-applikant ikun joqgħod f'dak il-post speċifiku.	(16) Minħabba raġunijiet ta' interess pubbliku jew ordni pubbliku, ***għall-ipproċessar*** malajr u ***l-monitoraġġ*** effettiv tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, ***jew biex tipprevjeni b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab meta jkun ġie stabbilit mill-awtoritajiet rilevanti li hemm riskju li applikant jista' jaħrab, jenħtieġ*** li l-Istati Membri, meta meħtieġ, ***ikunu jistgħu*** jassenjaw ir-residenza tal-applikant f'post speċifiku, bħal ċentru tal-akkomodazzjoni, dar privata, appartament, lukanda jew bini ieħor adattat biex jilqa' lill-applikanti. Din id-deċiżjoni tista' tkun meħtieġa biex tipprevjeni b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi biex jibqa' fl-Istat Membru fejn ikun ***marbut*** ikun preżenti***,*** jew***,*** f'każijiet fejn l-applikant ikun intbagħat lura lejn l-Istat Membru fejn ikun ***marbut*** ikun preżenti wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor. ***Meta*** l-applikant ikun intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għandhom jingħataw ukoll bil-patt li l-applikant ikun joqgħod f'dak il-post speċifiku.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Meta jkun hemm raġunijiet biex jitqies li jkun hemm riskju li applikant jista' jaħrab, l-Istati Membri ***għandhom jitolbu*** li l-applikanti jirraportaw lill-awtoritajiet kompetenti ***ta' spiss skont kemm meħtieġ*** sabiex isir monitoraġġ tal-applikant b'tali mod li ma jaħrabx. Sabiex jiskoraġġixxu lill-applikanti milli jaħarbu, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi wkoll jagħtu kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, meta l-applikant ikun intitolat għal dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, in natura biss.	(17) Meta jkun hemm raġunijiet biex jitqies li jkun hemm riskju li applikant jista' jaħrab, ***jenħtieġ ukoll li*** l-Istati Membri***, abbażi ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, jirrikjedu*** li l-applikanti jirraportaw lill-awtoritajiet kompetenti ***bil-frekwenza meħtieġa*** sabiex isir monitoraġġ tal-applikant b'tali mod li ma jaħrabx. Sabiex jiskoraġġixxu lill-applikanti milli jaħarbu, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi wkoll jagħtu kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, meta l-applikant ikun intitolat għal dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, in natura biss. ***Jenħtieġ ukoll li l-applikanti jiġu pprovduti bil-possibbiltà ta' appell kontra d-deċiżjonijiet li jirrikjedulhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti.***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Id-deċiżjonijiet kollha*** li ***jirrestringu l-libertà*** ta' moviment tal-applikant ***jeħtieġ li jkunu bbażati fuq*** l-imġiba individwali u s-sitwazzjoni partikulari tal-persuna kkonċernata, ***filwaqt li titqies*** kull ħtieġa ta' akkoljenza speċjali ta' applikanti u ***l-prinċipji*** ta' proporzjonalità. ***L-applikanti jridu jkunu*** infurmati kif xieraq b'dawn id-deċiżjonijiet u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità.	(18) ***Jenħtieġ*** li ***kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà*** ta' moviment tal-applikant ***tkun ibbażata fuq deċiżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, li tkun tqis*** l-imġiba individwali u s-sitwazzjoni partikulari tal-persuna kkonċernata, ***inkluż*** kull ħtieġa ta' akkoljenza speċjali ta' applikanti u ***l-prinċipju*** ta' proporzjonalità. ***Jenħtieġ li l-applikanti jiġu*** infurmati kif xieraq b'dawn id-deċiżjonijiet u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità. ***Jenħtieġ ukoll li jiġu pprovduti bil-possibbiltà ta' appell***

kontra tali deċiżjonijiet.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Fid-dawl ***ta' konsegwenzi*** serji għall-applikanti li jkunu ħarbu jew li jitqiesu f'riskju li jaħarbu, ***it-tifsira ta' ħarba għandha tiġi definita li*** tkopri kemm azzjoni deliberata biex jiġu evitati l-proċeduri ta' asil applikabbli kif ukoll ***iċ-ċirkustanzi*** fattwali li applikant ma jibqax disponibbli ***għall-awtoritjaiet*** rilevanti***, inkluż billi jitlaq mit-territorju fejn l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti***.	(19) Fid-dawl ***tal-konsegwenzi*** serji għall-applikanti li jkunu ħarbu jew li jitqiesu f'riskju li jaħarbu, ***jenħtieġ li jiġi ddefinit li t-tifsira ta' ħarba*** tkopri kemm azzjoni deliberata biex jiġu evitati l-proċeduri ta' asil applikabbli kif ukoll ***iċ-ċirkustanza*** fattwali li applikant ma jibqax disponibbli ***għall-awtoritajiet*** rilevanti.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Id-detenzjoni tal-applikanti għandha*** tkun applikata skont il-prinċipju sottostanti li persuna ***m'għandiex tinżamm*** f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont l-obbligi legali internazzjonali tal-Istati Membri, u skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. L-applikanti jistgħu jiġu detenuti biss taħt ***Ö iċ- Õ ċirkostanzi*** eċċezzjonali definiti b'mod ċar stipulati fid-Direttiva u ***soġġetti*** għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' tali	(20) ***Jenħtieġ li d-detenzjoni tal-applikanti*** tkun applikata skont il-prinċipju sottostanti li ***jenħtieġ li*** persuna ***ma tinżammx*** f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont l-obbligi legali internazzjonali tal-Istati Membri, u skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. L-applikanti jistgħu jiġu detenuti biss taħt ***iċ-ċirkostanzi*** eċċezzjonali definiti b'mod ċar ***ħafna li qed jiġu*** stipulati fid-Direttiva u ***b'mod soġġeti*** għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-

detenzjoni. ***Id-detenzjoni*** tal-applikanti skont din id-Direttiva ***għandha*** tkun ordnata bil-miktub biss ***minn awtoritajiet*** ġudizzjarji ***jew amministrattivi u*** jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, inkluż fil-każijiet fejn il-persuna tkun diġà detenuta meta tagħmel l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Meta applikant jinżamm detenut ***huwa għandu*** jkollu aċċess effettiv għall-garanziji proċedurali neċessarji bħar-rimedju ġudizzjarju ***quddiem awtorità ġudizzjarja nazzjonali***.	manjiera kif ukoll tal-iskop ta' tali detenzjoni. ***Jenħtieġ li d-detenzjoni*** tal-applikanti skont din id-Direttiva tkun ordnata bil-miktub biss ***mill-awtoritajiet*** ġudizzjarji ***li*** jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, inkluż fil-każijiet fejn il-persuna tkun diġà detenuta meta tagħmel l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***Jenħtieġ li kwalunkwe deċiżjoni li timponi detenzjoni tinkludi riferiment għall-kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli u r-raġunijiet li minħabba fihom ma setgħux jiġu applikati effettivament.*** Meta applikant jinżamm detenut***, jenħtieġ li*** jkollu aċċess effettiv għall-garanziji proċedurali neċessarji bħar-rimedju ġudizzjarju.

Or. en*Ġustifikazzjoni**Peress li l-abbozz ta' rapport jinkludi emendi għat-test propost rigward l-obbligi ta' rappurtar li jillimitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet rilevanti għall-awtoritajiet ġudizzjarji biss, hemm bżonn tiġi emendata wkoll il-parti mit-test rigward it-tipi ta' deċiżjonijiet li jistgħu jordnaw id-detenzjoni, u li għalihom, bħala l-aktar miżura restrittiva tal-libertà ta' moviment, id-deċiżjoni għandha wkoll, a fortiori, tittieħed mill-awtoritajiet ġudizzjarji waħedhom, inkella l-koerenza interna tat-test tista' titfixkel.*

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-għaqda tal-familja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament. ***Jeħtieġ*** li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jiġu adattati	(30) Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-għaqda tal-familja, skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ukoll konformità***

għas-sitwazzjoni speċifika tal-minorenni, kemm jekk mhux akkumpanjati kif ukoll jekk fil-familji, b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà tagħhom u ***għall-kura*** fiżika u emozzjonali ***tagħhom*** u ***pprovduta*** b'mod li ***tħeġġeġ*** l-iżvilupp ġenerali tagħhom.

sħiħa mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika u l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa. Hemm bżonn li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza jiġu adattati ***għall-ħtiġijiet speċifiċi*** tal-minorenni, kemm jekk mhux akkumpanjati kif ukoll jekk fil-familji, b'attenzjoni speċjali għas-sigurtà tagħhom***, b'mod partikolari billi jiġu pprovduti akkomodazzjoni tajba għat-tfal, il-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali*** u ***ta' dik abbażi ta' sess, kura*** fiżika u emozzjonali ***u edukazzjoni,*** u ***li dan kollu jiġi pprovdut*** b'mod li ***jħeġġeġ*** l-iżvilupp ġenerali tagħhom.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) ***L-Istati Membri għandhom*** jiżguraw li l-applikanti jirċievu ***l-kura*** tas-saħħa meħtieġa li ***għandha*** tinkludi, għall-inqas, kura ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard ***u ta'*** disturbi mentali serji. Sabiex ***iwieġbu*** għat-tħassib ***ta' saħħa*** pubblika rigward il-prevenzjoni tal-mard u ***s-salvagwardja*** tal-applikanti individwali, l-aċċess tal-applikanti għall-kura tas-saħħa ***għandu*** jinkludi wkoll trattament mediku preventiv, bħat-tilqim. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kontroll mediku ***għal applikanti*** għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. ***Ir-riżultati*** tal-kontrolli mediċi ma ***għandhomx jinfluwenzaw*** il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn għandhom dejjem isiru b'mod oġġettiv, imparzjali u fuq bażi individwali skont ir-	(31) ***Jenħtieġ li l -Istati Membri*** jiżguraw li l-applikanti jirċievu ***aċċess sħiħ għall-kura*** tas-saħħa meħtieġa li ***jenħtieġ li*** tinkludi, għall-inqas, kura ta' emerġenza***, kura fil-maternità,*** u trattament essenzjali ta' mard***, inklużi*** disturbi mentali serji***, bħal disturbi minn stress postrawmatiku***. Sabiex ***tingħata tweġiba*** għat-tħassib ***relatat mas-saħħa*** pubblika rigward il-prevenzjoni tal-mard u ***jiġu salvagwardjati s-saħħa u d-drittijiet*** tal-applikanti individwali, ***jenħtieġ li*** l-aċċess tal-applikanti għall-kura tas-saħħa jinkludi wkoll ***servizzi fil-qasam tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u*** trattament mediku preventiv, bħat-tilqim. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu kontroll mediku ***għall-applikanti*** għal raġunijiet ta' saħħa pubblika***, bi qbil mal-linji gwida li***

Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri].	***għandhom jiġu stabbiliti b'mod konġunt mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard. Jenħtieġ li r-riżultati*** tal-kontrolli mediċi ma ***jinfluwenzawx*** il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn għandhom dejjem isiru b'mod oġġettiv, imparzjali u fuq bażi individwali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri].

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) ***Id-dritt ta' applikant għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali skont din id-Direttiva jista' jitnaqqas f'ċerti ċirkustanzi bħal meta applikant ikun ħarab lejn Stat Membru ieħor mill-Istat Membru fejn ikun meħtieġ li jkun preżenti. Madankollu,*** l-Istati Membri, fiċ-ċirkustanzi kollha, ***għandhom*** jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa ***u standard ta' ħajja dinjituż għall-applikanti kollha skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, b'mod partikulari billi jipprovdu s-sussistenza u l-ħtiġijiet bażiċi tal-applikant kemm f'termini tas-sikurezza fiżika u d-dinjità kif ukoll f'termini tar-relazzjonijiet interpersonali, b'attenzjoni partikulari għad-dgħufijiet inerenti tal-persuna bħala applikant għall-protezzjoni internazzjonali u dik tal-familja jew tal-kustodju tiegħu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-applikanti bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali***. Iridu jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, b'mod	(32) ***Jenħtieġ*** li l-Istati Membri, fiċ-ċirkustanzi kollha, jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa. Iridu jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal, b'mod partikulari rigward ir-rispett għad-dritt tat-tfal għal edukazzjoni u aċċess għall-kura tas-saħħa. ***Jenħtieġ*** li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikanti***, b'mod partikolari dawk*** nisa***,*** li jkunu esperjenzaw ***vjolenza sesswali jew*** abbażi ***ta' sess***, anke permezz ta' żgurar ta' aċċess, fi stadji differenti tal-proċedura tal-asil***, għall-kura*** medika***, l-appoġġ*** legali, u għal konsulenza għal trawma u kura psikosoċjali ***xierqa. Tali applikanti jenħtieġ li jitqiesu bħala persuni bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali.***

partikulari rigward ir-rispett għad-dritt tat-tfal għal edukazzjoni u aċċess għall-kura tas-saħħa. ***Meta minorenni jkun fi Stat Membru ieħor għajr dak li fih ikun meħtieġ li jkun preżenti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-minorenni b'aċċess għal attivitajiet edukattivi xierqa sakemm jiġu trasferiti lejn l-Istat Membru responsabbli. Għandhom*** jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-applikanti nisa li jkunu esperjenzaw ***trawma*** abbażi ***tas-sess tagħhom***, anke permezz ta' żgurar ta' aċċess, fi stadji differenti tal-proċedura tal-asil, ***għal kura*** medika, ***appoġġ*** legali, u għal konsulenza għal trawma u kura psikosoċjali.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ambitu tad-definizzjoni ta' membru tal-familja ***għandu*** jirrifletti r-realtà tat-tendenzi migratorji attwali, li skonthom l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodu mtawwal ta' żmien fi tranżitu. Għaldaqstant, ***id-definizzjoni għandha*** tinkludi familji ffurmati barra mill-pajjiż ta' oriġini, iżda qabel il-wasla fit-territorju tal-Istati Membri.	(33) L-ambitu tad-definizzjoni ta' membru tal-familja ***jenħtieġ li ma jkunx diskriminatorju u jenħtieġ li*** jirrifletti r-realtà tat-tendenzi migratorji attwali, li skonthom l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodu mtawwal ta' żmien fi tranżitu. Għaldaqstant, ***jenħtieġ li d-definizzjoni*** tinkludi familji ffurmati barra mill-pajjiż ta' oriġini, iżda qabel il-wasla fit-territorju tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw id-definizzjoni ta' membru tal-familja bi qbil mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-ambitu tad-definizzjoni ta' familja, waqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti tad-dipendeza u l-***

attenzjoni partikolari li għandha tingħata lill-aħjar interessi tat-tfal, tiġi ssottolinjata l-importanza li jitħarsu l-applikanti nisa, li jkunu l-vittma ta' żwieġ fit-tfulija, prekoċi jew sfurzat. Jenħtieġ li ma ssirx diskriminazzjoni kontra l-koppji mhux miżżewġin minħabba raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex tkun promossa l-awtosuffiċjenza tal-applikanti u biex ikunu limitati d-diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li jingħataw regoli ċari dwar l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol ***ð*** u li jiġi żgurat li dan l-aċċess ikun effettiv, billi ma jiġux imposti kundizzjonijiet li effettivament ixekklu lil applikant milli jfittex impjieg. ***It-testijiet tas-suq tax-xogħol użati biex jagħtu prijorità liċ-ċittadini jew lil ċittadini oħrajn tal-Unjoni jew lil ċittadini ta' pajjiż terz legalment residenti fl-Istat Membru kkonċernat ma għandhomx ixekklu l-aċċess effettiv għall-applikanti lejn is-suq tax-xogħol u għandhom jiġu implimentati mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti tal-Adeżjoni applikabbli. ï***	(34) Sabiex tkun promossa l-awtosuffiċjenza tal-applikanti u biex ikunu limitati d-diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, huwa essenzjali li jingħataw regoli ċari dwar l-aċċess tal-applikanti għas-suq tax-xogħol u li jiġi żgurat li dan l-aċċess ikun effettiv, billi ma jiġux imposti kundizzjonijiet li effettivament ixekklu lil applikant milli jfittex impjieg.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) ***Il-perjodu ta' żmien massimu għall-aċċess għas-suq tax-xogħol għandu jkun allinjat mat-tul tal-proċedura ta' eżami dwar il-merti.*** Sabiex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni u ***awtosuffiċjenza*** tal-applikanti, ***huwa mħeġġeġ aċċess għas-suq tax-xogħol fejn l-applikazzjoni aktarx ikollha bażi tajba, inkluż meta l-eżami tagħha jkun ġie prijoritizzat skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri]. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom iqisu*** li ***jnaqqsu dak il-perjodu ta' żmien kemm jista' jkun bil-ħsieb li jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess*** għas-suq tax-xogħol ***mhux aktar tard minn 3 xhur mid-data meta l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata f'każijiet fejn l-applikazzjoni aktarx ikollha bażi tajba. Madankollu, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu aċċess għas-suq tax-xogħol lil applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali aktarx tkun bla bażi u li tkun ġiet applikata proċedura ta' eżami aċċellerata.***	(35) Sabiex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni u ***l-awtosuffiċjenza*** tal-applikanti, ***jenħtieġ*** li ***jiġi pprovdut aċċess immedjat*** għas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Il-ħiliet lingwistiċi huma indispensabbli sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkollhom standard ta' għajxien adegwat, li jingħataw aċċess immedjat

	għas-suq tax-xogħol u li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali tagħhom, inklużi oġġetti mhux tal-ikel, jiġu salvagwardjati. It-tagħlim tal-lingwa uffiċjali jew ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat kieku jżid l-awtosuffiċjenza u ċ-ċans ta' integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti, u jikkostitwixxi deterrent kontra movimenti sekondarji. Jenħtieġ għalhekk li jingħata aċċess effettiv għall-korsijiet lingwistiċi lill-applikanti kollha mid-data meta ssir l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "ħarba"; tfisser ***l-azzjoni li biha applikant, sabiex jevita*** l-proċeduri tal-asil***, jitlaq mit-territorju fejn ikun meħtieġ*** li jkun ***preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] jew*** ma ***jibqax għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew tal-qorti jew tat-tribunal***;	(10) "ħarba"; tfisser ***azzjoni deliberata biex jiġu evitati*** l-proċeduri ***applikabbli*** tal-asil ***u ċ-ċirkostanza fattwali li dak*** li jkun ma ***jkunx għadu disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti***;
[32] ĠU C […], […], p. […].	[32] ĠU C […], […], p. […].

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "riskju ta' ħarba": tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet f'każ individwali, li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi ***ddefiniti mid-dritt*** nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant jista' jaħrab;	(11) "riskju ta' ħarba": tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet ***speċifiċi*** f'każ individwali, li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi ***u speċifiċi, bi qbil mal-linji gwida tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u mad-dritt*** nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant jista' jaħrab***, imma ma jinkludux kriterji bħal sempliċement li l-persuna hija applikant fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament dwar il-Proċeduri], jew in-nazzjonalità tal-persuna, li huma ta' natura ġenerali***;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "applikant bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali": tfisser applikant li jeħtieġ garanziji speċjali sabiex jibbenefika mid-drittijiet u biex josserva l-obbligi stipulati f'din id-Direttiva, bħal applikanti li huma minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri singoli bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar ta' bnedmin, persuni b'mard serju, persuni b'diżordnijiet mentali u persuni li ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew ***sesswali***, bħal vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili ***i*** .	(13) "applikant bi ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali": tfisser applikant li jeħtieġ garanziji speċjali sabiex jibbenefika mid-drittijiet u biex josserva l-obbligi stipulati f'din id-Direttiva, bħal applikanti li huma minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ***nisa mhux f'koppja, tfajliet adolexxenti, familji mmexxija minn nisa, persuni lesbjani, bisesswali, transġeneru u intersesswali,*** ġenituri singoli bi tfal minorenni, vittmi ta' traffikar ta' bnedmin, ***vittmi ta' żwieġ fit-tfulija, prekoċi jew sfurzat, persuni li ma jemmnux, apostati u minoranzi reliġjużi,*** persuni b'mard serju, persuni b'diżordnijiet mentali***, inklużi disturbi minn stress postrawmatiku,*** u persuni li ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika***, immotivata minn preġudizzju, sesswali*** jew ***abbażi ta' sess***, bħal vittmi ta' mutilazzjoni ġenitali femminili.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-applikanti ð malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta jippreżentaw ï l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, b'xi benefiċċji stabbiliti u bl-obbligi li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom konnessi mal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza . Għandhom jenfasizzaw fl-informazzjoni pprovduta ***li l-applikant mhuwiex*** intitolat ***għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 17 ta' din id-Direttiva kif stabbilit fl-Artikolu 17a tal-istess Direttiva fi kwalunkwe Stat*** Membru ***għajr fejn huwa jkun meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin]***.	1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-applikanti ð malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta jippreżentaw ï l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, b'xi benefiċċji stabbiliti u bl-obbligi li magħhom għandhom jikkonformaw ruħhom konnessi mal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza . Għandhom jindikaw fl-informazzjoni pprovduta***, liema kundizzjonijiet ta' akkoljenza l-applikanti huma*** intitolati ***għalihom, il-konsegwenzi ta' ħarba, ir-raġunijiet għad-detenzjoni, ir-raġunijiet għal sostituzzjoni, tnaqqis jew irtirar ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza, id-dritt ta' appell kontra d-detenzjoni jew deċiżjonijiet relatati mas-sostituzzjoni, it-tnaqqis jew l-irtirar tal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza. L-Istati*** Membri ***għandhom jinfurmaw ukoll lill-applikanti dwar il-proċeduri relevanti tal-asil, u d-drittijiet mogħtija wara li jkunu ngħataw l-istatus ta' refuġjat.***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tkun bil-miktub u tintuża formola standard li tiġi żviluppata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u f'lingwa li l-applikant jifhem jew	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 tkun bil-miktub***, b'mod konċiż, trasparenti, jinftiehem u faċilment aċċessibbli,*** u jintuża ***lingwaġġ ċar u sempliċi u*** formola standard li tiġi

huwa raġonevolment maħsub li jifhem. Fejn meħtieġ, din l-informazzjoni għandha wkoll tkun mogħtija bil-fomm u adattata għall-ħtiġijiet tal-minorenni.	żviluppata mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa raġonevolment maħsub li jifhem. ***Din għandha tinkludi informazzjoni rilevanti dwar iċ-ċirkostanzi personali li jistgħu jirriżultaw fi ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza jew jekk hemmx bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali kif previsti f'din id-Direttiva u f[ir-Regolament dwar il-Proċeduri].*** Fejn tkun meħtieġa, din l-informazzjoni għandha wkoll tkun mogħtija oralment u ***f'għamla viżwali permezz ta' filmati jew stampi u għandha*** tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-minorenni ***jew persuni bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq il-formulazzjoni proposta fil-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament EURODAC riformulat.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti dokument tal-ivvjaġġar ***biss meta raġunijiet umanitarji serji jew*** raġunijiet ***imperattivi*** oħrajn ***jirrekjedu l-preżenza tagħhom fi Stat ieħor***. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tkun limitata wkoll għall-finijiet u għat-tul meħtieġ għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti b'dokument tal-ivvjaġġar ***mingħajr dewmien, meta jkun hemm bżonn il-preżenza tal-applikant fi Stat ieħor, b'mod partikolari għal raġunijiet bħal meta applikant jeħtieġ li jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor għat-trattament mediku jew biex iżur qraba f'każijiet partikolari, bħal perezempju żjarat lil qraba li huma morda serjament, jew biex jattendu żwiġijiet jew funerali ta' qraba.*** Raġunijiet ***oħrajn jistgħu jinkludu każijiet fejn l-applikanti li jkunu ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ikunu meħtieġa li jagħmlu vjaġġi essenzjali għal raġunijiet ta' xogħol, jew fejn l-applikanti jkunu***

	jeħtieġu jivvjaġġaw bħala parti mill-kurrikula ta' studju jew meta l-minorenni jkunu qed jivvjaġġaw ma' familji tar-rispett. Il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tkun limitata wkoll għall-finijiet u għat-tul meħtieġ għar-raġuni li minħabba fiha jkunu nħarġu.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri, fejn meħtieġ, ***għandhom*** jiddeċiedu dwar ir-residenza ta' applikant f'post speċifiku għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:	2. L-Istati Membri ***jistgħu***, fejn meħtieġ, jiddeċiedu dwar ir-residenza ta' applikant f'post speċifiku ***bħal ċentru ta' akkomodazzjoni, dar privata, appartament, lukanda jew binjiet oħra li jiġu addattati biex jakkomodaw l-applikanti, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi definiti mil-liġi nazzjonali u ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji,*** għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) għall-ipproċessar rapidu u l-monitoraġġ effettiv tal-proċedura tiegħu biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin];	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-raġuni tista' tiġi applikata mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għall-applikanti ġodda kollha li jkunu qegħdin jipproċessaw, iżda n-neċessità tagħha ma ġiex ippruvata.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) biex jipprevjenu b'mod effettiv li l-applikant jaħrab, b'mod partikulari:	(d) biex jipprevjenu b'mod effettiv li l-applikant jaħrab ***fejn ikun ġie stabbilit mill-awtoritajiet rilevanti li hemm riskju ta' ħarba,*** b'mod partikulari:

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
- għall-applikanti li ma jkunux ikkonformaw mal-obbligu li jagħmlu applikazzjoni fl-ewwel Stat Membru ta' daħla kif stabbilit fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] u jkunu vvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor mingħajr ġustifikazzjoni adegwata u jkunu għamlu applikazzjoni hemm; jew	- għall-applikanti li ***deliberatament*** ma jkunux ikkonformaw mal-obbligu li jagħmlu applikazzjoni fl-ewwel Stat Membru ta' daħla kif stabbilit fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] ***sabiex jiġu evitata l-proċeduri tal-asil applikabbli,*** u jkunu vvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor mingħajr ġustifikazzjoni adegwata u jkunu għamlu applikazzjoni hemm; jew

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jkun hemm raġunijiet biex wieħed iqis li hemm riskju li applikant jista' jaħrab, l-Istati Membri ***għandhom***, meta meħtieġ, jitolbu lill-applikant jirraporta lill-awtoritajiet kompetenti, jew jidher quddiemhom fiżikament, mingħajr dewmien jew fi żmien speċifikat ta' spiss skont kemm meħtieġ biex jipprevjenu b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab.	3. Meta jkun hemm raġunijiet biex wieħed iqis li hemm riskju li applikant jista' jaħrab, l-Istati Membri ***jistgħu***, meta meħtieġ ***u b'mod proporzjonat u fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji***, jitolbu lill-applikant jirraporta lill-awtoritajiet kompetenti, jew jidher quddiemhom fiżikament, mingħajr dewmien jew fi żmien speċifikat ta' spiss skont kemm meħtieġ biex jipprevjenu b'mod effettiv lill-applikant milli jaħrab.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw raġunijiet fil-fatt u, meta rilevanti, fil-liġi fi kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed skont dan l-Artikolu. L-applikanti għandhom jiġu infurmati immedjatament bil-miktub, f'lingwa li jifhmu jew li huma raġonevolment maħsuba li jifhmu, bl-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, bil-proċeduri biex jikkontestaw id-deċiżjoni skont l-Artikolu 25 u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformita mal-obbligi imposti mid-deċiżjoni.	8. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw raġunijiet fil-fatt u, meta rilevanti, fil-liġi fi kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed skont dan l-Artikolu. L-applikanti għandhom jiġu infurmati immedjatament bil-miktub, f'lingwa li jifhmu jew li huma raġonevolment maħsuba li jifhmu ***b'mod konċiż, trasparenti, jinftiehem u faċilment aċċessibbli, u jintuża lingwaġġ ċar u sempliċi***, bl-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, bil-proċeduri biex jikkontestaw id-deċiżjoni skont l-Artikolu 25 u bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformita mal-obbligi imposti mid-deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq il-formulazzjoni proposta fil-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament EURODAC riformulat.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri m'għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li hija applikant.	1. L-Istati Membri m'għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa/hija applikant ***jew fuq il-bażi tan-nazzjonalità tal-applikant. Id-detenzjoni għandha tkun ibbażata fuq deċiżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji, għandha tkun strettament meħtieġa biex jiżgura t-twettiq ta' obbligu speċifiku u konkret fuq l-applikant, għandha tintemm hekk kif l-obbligu speċifiku u konkret jkun ġie ssodisfat, u ma għandiex tkun ta' natura punittiva.***

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) sabiex tittieħed deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura ð fuq il-fruntiera skont l-Artikolu [41] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri] ï, fuq id-dritt tal-applikant sabiex jidħol fit-territorju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawk li jfittxu l-asil li għandhom id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri ma jistgħux jinżammu detenuti għal raġunijiet ta' immigrazzjoni. Artikolu 5 (1), punt (b) (KEBD) "detenzjoni biex tissodisfa obbligu legali" ma tapplikax.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detenzjoni tal-applikanti għandha tiġi ordnata bil-miktub minn awtoritajiet ġudizzjarji ***jew amministrattivi***. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.	Id-detenzjoni tal-applikanti għandha tiġi ordnata bil-miktub minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata ***u għandha tinkludi referenza għall-kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli u r-raġunijiet għaliex ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-abbozz ta' rapport jinkludi l-emendi sabiex it-test propost dwar l-obbligi ta' rappurtar li jillimita t-teħid ta' deċiżjonijiet rilevanti biss għal awtoritajiet ġudizzjarji, huwa neċessarju li tiġi emendata wkoll parti mit-test rigward it-tipi ta' deċiżjonijiet li jistgħu jordnaw id-detenzjoni, u li għalihom, bħala l-aktar miżura restrittiva ta' libertà ta' moviment, id-deċiżjoni għandha wkoll, a fortiori, tittieħed mill-awtoritajiet ġudizzjarji waħedhom, inkella l-koerenza interna tat-test tista' tiċċajpar. Din il-ġustifikazzjoni tapplika wkoll għall-emendi 33,34 u 35 għall-istess raġuni.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta d-detenzjoni tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu eżami ġudizzjarju rapidu tal-legalità tad-detenzjoni li jiġi mwettaq *ex officio* u/jew fuq talba tal-applikant. Meta jitwettaq *ex officio* tali eżami għandu jiġi deċiż mill-aktar fis possibbli mill-bidu tad-detenzjoni. Meta jitwettaq fuq talba tal-applikant, huwa għandu jiġi deċiż mill-aktar fis possibbli wara t-tnedija tal-proċedimenti	***imħassar***

rilevanti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali l-perjodu li fih għandhom jitwettqu l-eżami ex officio u/jew l-eżami fuq talba tal-applikant.

Meta, b'riżultat tal-eżami ġudizzjarju, id-detenzjoni tinstab li kienet illegali, l-applikant ikkonċernat għandu jinħeles minnufih.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detenzjoni għandha tiġi eżaminata minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli raġonevoli ta' żmien, ex officio u/jew fuq talba tal-applikant ikkonċernat, b'mod partikolari kull meta din tkun għal perjodu estiż, iqumu ċirkostanzi relevanti jew issir disponibbli informazzjoni ġdida li jista' jkollha effett fuq il-legalità tad-detenzjoni.	Id-detenzjoni għandha tiġi eżaminata minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli raġonevoli ta' żmien, ex officio u/jew fuq talba tal-applikant ikkonċernat, b'mod partikolari kull meta din tkun għal perjodu estiż, iqumu ċirkostanzi relevanti jew issir disponibbli informazzjoni ġdida li jista' jkollha effett fuq il-legalità tad-detenzjoni. ***Meta, b'riżultat tal-eżami ġudizzjarju, id-detenzjoni tinstab li kienet illegali, l-applikant ikkonċernat għandu jinħeles minnufih.***

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każijiet ta' eżami ġudizzjarju tal-ordni tad-detenzjoni previst fil-paragrafu ***3***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti għandhom aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas. Dan għandu jinkludi, tal-anqas, it-	Fil-każijiet ta' eżami ġudizzjarju tal-ordni tad-detenzjoni previst fil-paragrafu ***5***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti għandhom aċċess għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas. Dan għandu jinkludi, tal-anqas, it-

tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u l-parteċipazzjoni fis-smigħ quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji f'isem l-applikant.	tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u l-parteċipazzjoni fis-smigħ quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji f'isem l-applikant.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol ***mhux iktar tard minn 6 xhur*** mid-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet ippreżentata ***jekk deċiżjoni amministrattiva ma titteħidx mill-awtorità kompetenti u d-dewmien ma jistax ikun attribwit lill-applikant***.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mid-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjoni kienet ippreżentata.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jivverifikaw jekk post vakanti jimteliex minn ċittadini tal-Istati Membri kkonċernati jew minn ċittadini tal-Unjoni oħrajn jew minn ċittadini legalment residenti f'dak l-Istat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15 a
	korsijiet tal-lingwa
	L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti b'aċċess effettiv għall-korsijiet tal-lingwa b'xejn mid-data meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet ippreżentata. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu lill-applikanti li jkopru jew jikkontribwixxu għall-ispejjeż ta' korsijiet bħal dawn, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(4) u (5).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur iqis li l-awtosuffiċjenza u l-possibilitajiet ta' integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti tal-applikanti jiżdiedu tassew jekk dawn ikollhom aċċess għal korsijiet ta' lingwa meta jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għal protezzjoni internazzjonali. Bħala għodda għall-għoti effettiv ta' aċċess immedjat għas-suq tax-xogħol u titjib tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, kif ukoll biex jiskoraġġixxu movimenti sekondarji, li huwa l-għan iddikjarat tal-proposta tal-Kummissjoni, il-ħiliet lingwistiċi huma indispensabbli. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom ikollhom l-obbligu li jipprovdu lill-applikanti kollha aċċess għall-korsijiet tal-lingwa tagħhom mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta akkomodazzjoni tkun ipprovduta fi djar, din tipprovdi standard adegwat tal-għajxien u tieħu waħda jew	1. Fejn akkomodazzjoni tkun ipprovduta fi djar, din għandha tipprovdi standard adegwat tal-għajxien***, bl-għan li jiġu adattati għall-applikanti, kont meħud***

għaqda tal-forom li ġejjin:	***tas-sitwazzjonijiet u tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom matul il-proċedura ta' applikazzjoni sabiex jiġi evitat ċaqliq bejn id-diversi postijiet ta' akkomodazzjoni,*** u għandha tieħu waħda jew għaqda tal-forom li ġejjin:

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw interessi speċifiċi tas-sess u l-età u s-sitwazzjoni tal- applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali meta jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali.	3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw interessi speċifiċi tas-sess u l-età u s-sitwazzjoni tal- applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali meta jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali. ***Barra mill-età u s-sess, l-Istati Membri għandhom ukoll iqisu d-diversità (l-approċċ età, ġeneru, diversità).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi żgurata l-konformità mal-approċċ età, ġeneru, diversità tal-UNHCR, ir-rapporteur iżid id-dimensjoni tad-diversità. Għal iżjed informazzjoni: https://emergency.unhcr.org/entry/51771/age-gender-and-diversity-agd

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu attakki u vjolenza bbażata fuq is-sess inkluż l-attakk u l-fastidju sesswali meta tiġi pprovduta akkomodazzjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu attakki u vjolenza bbażata fuq is-sess inkluż l-attakk u l-fastidju sesswali ***kif ukoll il-forom kollha ta' vjolenza mwettqa abbażi ta' preġudizzju u motiv diskriminatorju***

relatat mal-karatteristiċi personali tal-vittmi kif imsemmi fl-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] meta tiġi pprovduta akkomodazzjoni.

[1a] Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali kundizzjonijiet differenti għandhom fi kwalunkwe ċirkustanza jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa skont l-Artikolu 18 u standard tal-għajxien dinjituż għall-applikanti kollha.	Tali kundizzjonijiet differenti għandhom fi kwalunkwe ċirkustanza jiżguraw l-aċċess ***sħiħ*** għall-kura tas-saħħa skont l-Artikolu 18 u standard tal-għajxien dinjituż għall-applikanti kollha ***li fihom is-sikurezza tagħhom tkun garantita u l-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza tagħhom ikunu identifikati, reġistrati u ssodisfati***.

Or. en

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 17a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17a	***imħassar***
Kundizzjonijiet ta' akkoljenza fi Stat Membru għajr dak li fih l-applikant ikun	

meħtieġ ikun preżenti

1. Applikant ma għandux ikun intitolat għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 17 fi kwalunwe Stat Membru għajr dak li fih ikun meħtieġ ikun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin].

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw standard ta' għajxien dinjituż għall-applikanti kollha.

3. Sakemm minorenni jiġi trasferit lejn l-Istat Membru responsabbli skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin], l-Istati Membri għandhom jipprovdulu aċċess għall-attivitajiet edukattivi xierqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irrilevanti, billi distinzjoni bejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u t-trattament dinjituż mhijiex meħtieġa.

Minorenni għandu dejjem ikollu aċċess sħiħ għall-edukazzjoni. Mhuwiex ċar xi tfisser 'xieraq' f'dan il-kuntest.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Rigward l-applikanti ***li huma meħtieġa jkunu preżenti fit-territorju skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin],*** l-Istati Membri jistgħu, fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 2:	1. Rigward l-applikanti l-Istati Membri jistgħu, fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 2***, u fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji***:

Or. en

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ma jkunx ikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu [4(1)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ta' Dublin] u jkun ivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor mingħajr ġustifikazzjoni adegwata u jkun għamel applikazzjoni hemm; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ikun intbagħat lura wara li jkun ħarab lejn Stat Membru ieħor.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà hemm dispożizzjonijiet li jirrestringu l-libertà ta' moviment wara ħarba u li ma jkunux applikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru responsabbli.

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jirreferi lil applikanti għand tabib jew psikoloġista għal valutazzjoni ulterjuri tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-applikanti setgħu kienu vittma ta' tortura, stupru jew forma serja oħra ta' vjolenza psikoloġika,	(c) jirreferi lil applikanti għand tabib jew psikoloġista għal valutazzjoni ulterjuri tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-applikanti setgħu kienu vittma ta' tortura, stupru jew forma serja oħra ta' vjolenza psikoloġika,

fiżika jew sesswali u li dan jista' jaffettwa l-ħtiġijiet ta' akkoljenza tal-applikant; u	fiżika, ***motivata mill-preġudizzju*** jew ***vjolenza*** sesswali u ***abbażi tas-sess*** u li dan jista' jaffettwa l-ħtiġijiet ta' akkoljenza tal-applikant. u u

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni li kienu soġġetti għal ***ħsara*** abbażi tas-sess tagħhom, tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza oħra jirċievu t-trattament meħtieġ għad-danni kkawżati b'tali atti b'mod partikolari aċċess għal servizzi ta' trattament jew kura mediċi u psikoloġiċi adatti.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni li kienu soġġetti għal ***vjolenza sesswali u*** u abbażi tas-sess tagħhom ***u forom oħra ta' vjolenza motivata mill-preġudizzju*** tagħhom, tortura, stupru jew atti serji oħra ta' vjolenza oħra jirċievu t-trattament meħtieġ għad-danni kkawżati b'tali atti b'mod partikolari aċċess għal servizzi ta' trattament jew kura mediċi u psikoloġiċi adatti.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li jimplimentaw din id-Direttiva jkunu rċevew it-taħriġ meħtieġ fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-applikanti kemm irġiel u kemm nisa. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jintegraw il-kurrikulu Ewropew tal-asil żviluppat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fit-taħriġ tal-persunal	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħra li jimplimentaw din id-Direttiva jkunu rċevew it-taħriġ meħtieġ fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-applikanti kemm irġiel u kemm nisa. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jintegraw il-kurrikulu Ewropew tal-asil żviluppat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil fit-taħriġ tal-persunal

tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil].	tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], ***jenfasizzaw l-importanza li jiġu identifikati b'mod attiv l-ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza (approċċ età, ġeneru, diversità) u l-prevenzjoni adegwata u l-attivitajiet ta' rispons għall-vjolenza sesswali u abbażi tas-sess u l-vjolenza motivata mill-preġudizzju mid-data meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet ippreżentata***.
	Or. en

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa mhux aktar tard minn [***tliet snin*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u mill-inqas ħames snin minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tipproponi kwalunkwe emenda li tkun meħtieġa.	Sa mhux aktar tard minn [***sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u mill-inqas ħames snin minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tipproponi kwalunkwe emenda li tkun meħtieġa.
	Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri, fuq talba tal-Kummissjoni, għandhom jibagħtu l-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tar-rapport sa [***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***ħames*** snin minn	L-Istati Membri, fuq talba tal-Kummissjoni, għandhom jibagħtu l-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tar-rapport sa [***sitt xhur*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull ***tliet*** snin minn

dak iż-żmien 'il quddiem.	dak iż-żmien 'il quddiem.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) li kienet tinkludi tibdil ta' xi direttivi f'regolamenti armonizzati bis-sħiħ u għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza l-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-direttiva eżistenti b'xi armonizzazzjoni ulterjuri. Ir-rapporteur tilqa' l-għażla ta' dan l-istrument legali mill-Kummissjoni iżda tqis li hija meħtieġa aktar armonizzazzjoni fi ħdan id-direttiva.

L-elementi ewlenin tal-proposta riformulata tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jnaqqsu applikanti għall-asil li jitilqu mill-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tagħhom (movimenti sekondarji) billi tipproponi miżuri punittivi u tiżdied l-integrazzjoni ta' applikanti għall-asil. L-abbozz ta' rapport tar-rapporteur jiffoka wkoll fuq it-tnaqqis ta' movimenti sekondarji iżda huwa msejjes fuq inċentivi u mhux fuq miżuri ta' punizzjoni. Fir-rigward tal-integrazzjoni, ir-rapporteur tipproponi aċċess għall-korsijiet tal-lingwa u għas-suq tax-xogħol mill-ewwel jum tal-applikazzjoni, biex jiżdiedu l-awtonomija u l-opportunitajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti fis-soċjetà ospitanti. Element kruċjali ieħor f'dan l-abbozz ta' rapport għandu l-għan li jiżgura li d-drittijiet fundamentali tal-applikanti kollha għal asil jiġu salvagwardjati u biex dan jinkiseb, ir-rapporteur tikkjarifika d-dispożizzjonijiet għal applikanti bi bżonnijiet speċifiċi.

It-tnaqqis tal-movimenti sekondarji

Ir-rapporteur ma taqbilx mal-approċċ ta' punizzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni imma taċċetta li jeħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jiġu diżinċentivati applikanti għall-asil milli jħallu l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tagħhom. Ir-rapporteur hija tal-fehma li d-dispożizzjoni ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza ta' kwalità għolja, fuq l-istess livell madwar l-UE, se jkunu l-iktar fattur importanti biex jiġu evitati movimenti sekondarji.

L-abbozz ta' rapport iżomm il-possibbiltà li l-libertà ta' moviment tiġi ristretta f'ċerti każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni ta' moviment sekondarju, iżda dawn il-każijiet ġew limitati u għadd ta' salvagwardji, bħal stħarriġ ġudizzjarju, ġew miżjuda. Ir-rapporteur tiċċara d-definizzjoni ta' ħarba u tneħħi l-possibilità li jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' livell aktar baxx (standard ta' ħajja dinjituż). L-abbozz ta' rapport jillimita bil-kbir l-użu tad-detenzjoni u dan se jkun possibbli biss bl-ogħla salvagwardji u taħt kondizzjonijiet stretti.

Integrazzjoni

Ir-rapporteur tqis li l-awtosuffiċjenza u l-possibilitajiet ta' integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti tal-applikanti jiżdiedu tassew jekk dawn ikollhom aċċess għal korsijiet ta' lingwa mill-ewwel jum tal-proċedura.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-perjodu massimu għal aċċess għas-suq tax-xogħol minn applikanti jitnaqqas minn disa' xhur għal sitt xhur. Ir-rapporteur tipproponi li jiġi previst aċċess immedjat għas-suq tax-xogħol u li titneħħa l-possibilità li jintuża test tas-suq tax-

xogħol. Il-proposta tar-rapporteur se tfisser li, fil-każ ta' applikanti li l-applikazzjonijiet tagħhom x'aktarx se tintlaqa', se jkunu aktar awtosuffiċjenti mill-bidu nett minħabba li se jkunu jistgħu jiġu integrati b'mod effettiv, jitgħallmu l-lingwa tal-post, u jikkontribwixxu għas-soċjetà li tilqagħhom fi ħdanha.

Ir-rapporteur tappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal trattament ugwali tal-applikanti għall-asil ma' ċittadini tal-UE fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali u tar-rikonoxximent ta' diplomi. Barra minn hekk, ir-rapporteur tipproponi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu korsijiet tal-lingwa mill-bidu tal-proċedura ta' applikazzjoni biex jiżdiedu l-prospetti ta' integrazzjoni għall-applikant fl-Istat Membru fejn ikun qed jgħix.

Biex tiżdied l-integrazzjoni u l-istabbiltà għall-applikanti, ir-rapporteur tintroduċi l-obbligu għall-Istati Membri biex isibu akkomodazzjoni xierqa mill-bidu nett biex b'hekk jiġi evitat li l-applikant jiġi alloġġat f'diversi ċentri ta' akkoljenza u ta' akkomodazzjoni temporanja.

Nissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali

Ir-rapporteur temmen li l-applikanti kollha għall-asil għandhom ikunu siguri matul il-proċess ta' applikazzjoni tagħhom u fattur biex dan jinkiseb hu billi jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali tal-applikanti kollha jiġu mħarsa fi ħdan il-proċess ta' akkoljenza. Miżuri addizzjonali huma meħtieġa biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali ta' applikanti bi bżonnijiet speċjali u r-rapporteur tilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għal regoli speċifiċi għal applikanti bi bżonnijiet speċjali, li huma ċċarati ulterjorment fl-abbozz ta' rapport.

Ir-rapporteur tenfasizza l-importanza ta' identifikazzjoni rapida ta' persuni bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza u ta' monitoraġġ matul il-proċedura ta' applikazzjoni, taħriġ ta' persunal fuq l-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, kundizzjonijiet ta' akkoljenza tat-tfal kif ukoll aċċess sħiħ għall-kura tas-saħħa neċessarja, inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttivi u tas-saħħa mentali.

Barra minn hekk, il-proposta tar-rapporteur tenfasizza l-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi internazzjonali, il-valuri komuni tal-UE kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) biex tipprevjeni u tiġġieled kontra l-vjolenza sesswali u dik abbażi tas-sess, kif ukoll il-forom l-oħra kollha ta' reati ta' mibegħda meta jkunu qed jiġu pprovduti servizzi ta' akkomodazzjoni.